MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2014

Numru. 921/2010

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Robert Vella)**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

***OMMISSIS***

**KENNETH BORG**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati, *ommissis* u Kenneth Borg, ta' 33 sena, iben il-mejjet Anthony u Pauline nee' Debattista, imwieled Attard, nhar il-04/06/1977 u residenti ġewwa fond b'numru 3, Block D, Għajn Kajjet, Rabat (Malta), detentur tal-karta tal-identita' b'numru 310177M.

1. U nakkużawhom talli nhar l-4 ta' Settembru 2010, għall- ħabta ta' nofs in-nhar ġewwa Triq il-Kbira, San Guzepp, il-Ħamrun ikkommettew serq ta' ċurkett tad-deheb minn ġewwa 'Patrick Jewellery', għad-dannu ta' l-istess sidien u cioe` Patrick Refalo u Rita Refalo minn B'Kara, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u cioe` li jeċċedi €232.94 iżda li ma jeċċedix €2329.37, u dan bi ksur tal-artikolu 261(c), u 267 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkustanzi, f'dawn il-Gżejjer, xjentament xtraw jew laqghu għandhom ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod ieħor li jkun indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom, liema oġġetti kienu ġejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix €2329.37 u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lil Kenneth Borg wahdu :

a. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti imposti fuqu ta' Art 7 u Art 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, datati, nhar il-14 ta' Marzu 2008 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D u oħra datata 22 ta' April 2008 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Anthony Vella LL.D;

b. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanza, fil-perjodu operattiv ta' żewġ sentenzi sospiżi, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Anthony Vella LL.D u li saret definittiva fit-22 ta' April 2008 u oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D u li saret definittiva fis-26 ta' Mejju 2009, għamilt reat li għalih hemm piena ta' priġunerija;

c. U aktar talli b'hekk fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi sirt reċidiv b'sentenzi li saru definittivi mogħtija mill-Oorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D datata 8 ta' Ġunju 2007, u oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D datata 6 ta' Mejju 2009 u dan ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-6 ta` Settembru 2010 li jinsab *a folio* 25 tal-atti, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Qieset id-depozizzjonijiet kollha moghtija f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur ta` l-imputat.

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Il-konjugi Patrick u Rita Refalo ghandhom hanut bl-isem 'Patrick's Jewellery' gewwa Triq il-Kbira, Hamrun. Nhar l-4 ta` Settembru 2010, ghall-habta ta` nofs inhar, dahlet il-ko-imputata Miriam Caruana (din il-persuna kienet diga marret fl-insemmi hanut xi jumejn qabel dan l-incident). Talbet biex tara curkett u giet murija wiehed li zammitu f'idha. Rita Refalo qalet lil zewgha li c-curkett kien f'id il-klijenta. Miriam Caruana talbet biex tara crieket ohra. Rita Refalo fethet is-*safe* u sakemm qed turieha crieket ohra, l-istess Miriam Caruana rat curkett iehor; kien hawnhekk li Rita Refalo talbitha l-ewwel curkett li kienet urietha u cioe` dak li allegatament kien ghadu f'idejn Miriam Caruana. F'dan il-mument, Miriam Caruana qaltilha li l-ewwel curkett kienet tatulha.

Wara xi battibekki, Patrick Refalo qalilha biex ma tohrogx mill-hanut, izda Miriam Caruana bdiet tiela t-tarag u tersaq lejn il-bieb ta` barra filwaqt li bdiet tghid li riedet tiltaqa ma ommha u filwaqt li bdiet tuza l-mobile. In effetti Miriam Caruana harget mill-hanut u Rita refalo baqghet hierga maghha u l-hin kollu Rita Refalo bdiet tipprova tipperswadieha tieqaf. Lehqu imxew xi ftit fit-triq u meta resaq lejhom Patrick Refalo, regghu qabdu jimxu lejn il-hanut, Patrick Refalo u Miriam Caruana flimkien u Rita Refalo warajhom. F'mument minnhom Rita Refalo tara lil Miriam Caruana tghaddi xi haga f'id persuna maskili li kien qieghed jistrieh ma karozza, li rrizulta li kien l-imputat Kenneth Borg. Meta Rita Refalo ikkonfrontatu u talbitu jiftah idejh, huwa offendieha u beda jidghi. Hawnhekk Rita Refalo hadet in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura u dahlet fil-hanut. Hija cemplet l-ghassa ghall-ghajnuna u l-pulizija telghu lejn il-hanut fejn sabu lil Patrick u Rita Refalo flimkien ma Miriam Caruana. L-imsemmija Miriam Caruana ttiehdet l-ghassa tal-pulizija u minn hemmhekk cemplet lil Kenneth Borg biex imur hemmhekk u jirritorna c-curkett. In effetti Kenneth Borg mar l-ghassa u ta c-curkett lill-pulizija.

Qabel sehh dan kollu Miriam Caruana u Kenneth Borg kienu marru d-detox. Meta kienu sejrin lura l-Hamrun, Miriam Caruana qalet lil Kenneth Borg li kienet ser tidhol iggib xi haga tal-flus. In effetti kienet hadet curkett li ghaddietu lil Kenneth Borg kif intqal aktar il-fuq.

Din hi principalment il-verzjoni tal-prosekuzzjoni rizultanti mix-xhieda u dokumenti.

Minn naha tieghu l-imputat, irrilaxxja zewg stqarrijiet u xehed bil-gurament f'dawn il-proceduri, fejn huwa dejjem innega li kellu x'jaqsam ma din is-serqa tac-curkett. Jaccetta li hu kien ma Miriam Caruana, izda hi kull ma kienet qaltlu kien biex jistennieha barra ghax sejra taghmel qadja. Qal illi l-pulizija hadu l-vettura ta` Miriam Caruana u minnha elevaw xi affarijiet. Ma jaqbilx mas-suggeriment tal-prosekuzzjoni li huwa u Miriam Caruana kienu miftehmin biex jaghmlu din il-bicca xoghol. Jaqbel pero li qabel ma Miriam Caruana dahlet gol-hanut, huma flimkien bl-istess vettura ta` Miriam Caruana, kienu marru d-detox.

Dan hu in succinct ix-xenarju li rrizulta quddiem dina l-Qorti.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-Qorti qieset sew ir-rizultanzi processwali, partikolarment id-depozizzjonijiet tal-protagonisti, flimkien mad-dokumenti esebiti, u ma jidhriliex li ghandha tiehu wisq fit-tul. Ma hemm xejn fil-process li ghandu jwaqqaf lil din il-Qorti milli temmen il-verzjoni tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni. Il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jlehhqu l-grad rikjest mill-ligi dwar ir-reita` ta` l-imputat.

Tezisti prova diretta kontra l-imputat u cioe` li hu kien il-persuna li kien mal-vettura ta` Miriam Caruana u kellu l-pussess ta` l-istess vettura meta hija dahlet u harget mill-hanut. Hemm il-prova diretta li hu rcieva c-curkett f'idejh meta resqet Miriam Caruana lejh. Tezisti prova indiretta u cioe` li wara li huwa rcieva c-curkett f'idejh, huwa saq il-vettura ta` Miriam Caruana 'l hemm minn fejn sehhet is-serqa u sussegwentement kellu jigi mitlub imur l-ghassa tal-pulizija. Hemm cirkostanzi ohra ta` natura indiretta bhal per ezempju l-fatt li l-imputat kien midhla ta` l-abbuz tad-droga. Hemm mbaghad certu nuqqas ta` spjegazzjonijiet plawsibbli dwar kif gie fil-pussess tac-curkett (mehuda fil-kuntest tal-provi l-ohra migjuba) liema nuqqasijiet jincidu fuq l-apprezzament dwar il-veracita` tal-verzjoni moghtija minnu.

Din il-Qorti hi tal-fehema illi mill-assjem tal-provi, kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, johrog car illi l-imputat kien involut fis-serqa, ikkwalifikata bil-valur, in ezami. Pero` issa l-Qorti thoss li ghandha tara jekk il-partecipazzjoni ta` l-imputat kienetx bhala ko-awtur jew bhala komplici.

Mid-dinamika ta` kif sehhew l-affarijiet din il-Qorti hi konvinta, mil-assjem tal-provi prodotti, li f'xi moment, wara li saqu mid-detox lejn il-Hamrun, bejn Miriam Caruana u l-imputat nibet hsieb komuni – li Miriam Caruana takkwista xi haga u jinqdew biha t-tnejn.

Jirrizulta illi kienet Miriam Caruana li dahlet gol-hanut u harget bic-curkett u li hija kienet ghaddiet l-istess curkett lil Kenneth Borg. Fil-fehema ta` din il-Qorti, l-imputat jigi li huwa ppartecipa bhala komplici – ghax ghalkemm hu ma ppartecipax materjalment fis-serqa, ghamel xi haga biex ghin lil Miriam Caruana fit-twettieq tas-serqa u dan billi qaghad

jistennieha barra, ha fil-pussess tieghu c-curkett misruq, u saq il-vettura ta` Miriam Caruana ‘l hemm mill-lok tas-serqa.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti qieset il-fedina penali ta` l-imputat u s-sentenzi esebiti; dawn juru li l-imputat gia habat difru mal-gustizzja, u jidher li ftit li xejn fehem li l-opportunitajiet li inghataw mill-Qrati kienu hemm ghall-beneficcju tieghu u mhux biex jigu abbuzati. Wara li l-imputat inghata :

i. Sentejn prigunerija effettiva bis-sentenza tat-08.06.2007 ghar-reati ta` serq; (Dok 4 a folio 59).
ii. Liberazzjoni kondizzjonata (Art.22 Kap 446) ghal zmien tlett snin bis-sentenza tal-14.03.2008 ghar-reati ta` serq; (Dok 5 a folio 64).
iii. Sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin (Art.28A Kap 9) bis-sentenza tat-22.04.2008 ghar-reati ta` serq; (Dok 6 a folio 69).
iv. Ghaxar xhur prigunerija effettiva bis-sentenza tas-06.05.2009 ghar-reati ta` serq; (Dok 7 a folio 73).
v. Tmintax-il xahar prigunerija sospiza ghal sentejn (Art.28A Kap 9) bis-sentenza tas-26.05.2009 ghar-reati ta` serq; (Dok 8 a folio 76),

jidher car li l-imputat baqa jippersisti fil-hajja refrattarja tieghu tant li waqt il-perjodu operattiv ta` zewg sentenzi sospizi, waqt il-perjodu ta` liberazzjoni kondizzjonata, u wara li kien inghata zewg termini ta` prigunerija effettiva, xorta wahda involva ruhu fis-serqa li sehhet nhar l-4 ta` Settembru 2010 minn ‘Patrick’s Jewellery’ sitwat gewwa l-Hamrun.

**Huwa l-imputat stess li rabat idejn dina l-Qorti u huwa l-imputat stess u wahdu li iddetermina s-sentenza li jisthoqqlu jiehu fit-termini ta` dawn il-proceduri**.

**Konkluzjoni**;

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 28A, 28B, 31, 42, 49, 50, 289(1), 261(c), 267, u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 7, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, **issib lill-imputat Kenneth Borg :-**

i. **hati, bhala recidiv, u bhala komplici fir-reat tas-serq kif migjub fl-ewwel imputazzjoni;**
ii. **tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, dik ta` ricettazzjoni, stante li din inghatat bhala imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel;**

**U tikkundanna lil Kenneth Borg :-**

a. **dwar l-ewwel imputazzjoni (bhala komplici, u recidiv, fis-serq) - ghal tmintax-il xahar prigunerija;**
b. **ghall-ksur ta` l-ordni mahrug bis-sentenza tal-14.03.2008 – tnax-il xahar prigunerija;**
c. **tordna li s-sentenza tat-22.04.2008 tibda ssehh – sentejn prigunerija;**
d. **tordna li s-sentenza tas-26.05.2009 tibda ssehh – tmintax-il xahar prigunerija,**

**<u>komplessivament (jammontaw) ghal sitt (6) snin prigunerija</u> (72 xahar).**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------